



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Diċembru 2014
(OR. en)

16516/14

LIMITE

PV/CONS 66
JAI 990
COMIX 659

ABBOZZ TA' MINUTI¹

Suġġett: **It-3354** laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (**ĠUSTIZZJA U AFFARIJET INTERNI**) li saret fi Brussell fl-4 u l-5 ta' Diċembru 2014

¹ L-informazzjoni dwar deliberazzjonijiet legiſlattivi tal-Kunsill, dwar deliberazzjonijiet oħrajn tal-Kunsill miftuħin għall-pubbliku u dwar dibattiti pubbliċi tinstab fl-Addendum 1 għal dawn il-minuti.

1.	Adozzjoni tal-aġenda proviżorja	4
----	---------------------------------------	---

ĠUSTIZZJA**DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI**

2.	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) [L-ewwel qari] 4	
3.	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u l-moviment liberu ta' dik id-data [L-ewwel qari].....	5
4.	Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew	5
5.	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (EUROJUST) [L-ewwel qari].....	6
6.	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali [L-ewwel qari]	6
7.	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar għajnuna legali proviżorja għal persuni ssuspettati jew mixlija li huma m'caħħda mil-libertà kif ukoll għajnuna legali fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew [L-ewwel qari].....	6
8.	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali [L-ewwel qari]	6
9.	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 dwar proċedimenti ta' insolvenza [L-ewwel qari] .	7
10.	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-moviment liberu taċ-ċittadini u n-negozji permezz tas-simplifikazzjoni tal-aċċettazzjoni ta' ċerti dokumenti pubbliċi fl-Unjoni Ewropea u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 [L-ewwel qari].....	7
11.	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar u r-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li jgħid proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea [L-ewwel qari]	7

12.	a)	Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fir-rigward tar-reġimi tal-proprjetà matrimonjali	
	b)	Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet tal-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati	8
13.		Affarijiet oħra	8

ATTIVITAJIET MHUX LEĖISLATTIVI

14.	Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"	8
15.	Affarijiet oħra	9

AFFARIJIET INTERNI

DELIBERAZZJONIJIET LEĖISLATTIVI

16.	Il-ġlieda kontra t-terroriżmu [L-ewwel qari]	9
17.	Affarijiet oħra	10

ATTIVITAJIET MHUX LEĖISLATTIVI

18.	Kwistjonijiet relatati mal-Kumitat Imħallat	10
19.	Il-funzjonament taż-żona Schengen	10
20.	Ġlieda kontra t-terroriżmu	11
21.	Affarijiet oħra	12

ANNES -	Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill	14
---------	--	----

*

* *

1. **Adozzjoni tal-aġenda proviżorja**

16218/14 OJ/CONS 66 JAI 970 COMIX 647

Il-Kunsill adotta l-aġenda msemmija hawn fuq.

ĠUSTIZZJA

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

2. **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) [L-ewwel qari]**

– Approċċ ġenerali parzjali²

– Dibattitu ta' orjentazzjoni

16140/14 DATAPROTECT 181 JAI 961 MI 950 DRS 163 DAPIX 183

FREMP 220 COMIX 645 CODEC 2375

+ COR 1

15656/1/14 REV 1 DATAPROTECT 170 JAI 891 MI 898 DRS 154 DAPIX 172

FREMP 210 COMIX 616 CODEC 2276

Il-Kunsill qabel dwar approċċ ġenerali parzjali dwar l-Artikoli 1, 6(2)(3), 21 u l-Kapitolu IX tal-abbozz ta' Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data bil-ftehim li ġej:

- i) approċċ ġenerali parzjali bħal dan għandu jintlaħaq bil-kundizzjoni li xejn mhu maqbul qabel ma jintlaħaq ftehim dwar kollox u li dan ma jeskludix li jsiru bidliet futuri fit-test tal-Artikoli li ntlaħaq qbil dwarhom proviżorjament biex tiġi żgurata l-koerenza ġenerali tar-Regolament;
- ii) approċċ ġenerali parzjali bħal dan huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kwistjoni orizzontali;
- iii) approċċ ġenerali parzjali bħal dan ma jagħtix mandat lill-Presidenza biex tinvolvi ruħha fi trilogi informali mal-Parlament Ewropew dwar it-test.

Dwar il-mekkaniżmu tal-one-stop-shop il-Kunsill kien involut f'dibattitu ta' orjentazzjoni, li fih il-maġġoranza tal-Istati Membri appoġġaw l-arkitettura ġenerali tal-one-stop-shop kif indikat fin-nota tal-Presidenza. Minoranza ta' Stati Membri esprimew tħassib serju dwar in-nota tal-Presidenza u ħasbu li l-arkitettura deskritta fin-nota ma tiggarantixxix li l-għanijiet għall-one-stop-shop li l-Kunsill kien stabbilixxa f'okkażjonijiet preċedenti kienu ser jintlaħqu.

² Meta jadotta Approċċ ġenerali wara li l-Parlament Ewropew ikun adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, il-Kunsill ma jkunx qed jagħtix skont it-tifsira tal-Artikolu 294(4) u (5) TFUE.

Il-President ikkonkluda li kien hemm maġġoranza fil-Kunsill li tista' tapprova l-istruttura ġenerali tal-mekkaniżmu tal-one-stop-shop indikat fin-nota tal-Presidenza, inkluża l-idea ta' mekkaniżmu ta' kodeċiżjoni bejn l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data kkonċernati u n-natura legalment vinkolanti tad-deċiżjonijiet tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

Aktar xogħol tekniku jkun irid isir fuq għadd ta' kwistjonijiet pendenti.

Il-Ġermanja għamlet dikjarazzjoni, kif imniżżla fl-Anness.

L-Awstrija, l-Ungerija u s-Slovenja għamlu dikjarazzjoni, kif imniżżla fl-Anness.

3. **Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u l-moviment liberu ta' dik id-data[L-ewwel qari]**

- Sitwazzjoni attwali
15730/14 DATAPROTECT 173 JAI 903 DAPIX 177 FREMP 213
COMIX 622 CODEC 2289
+ COR 1

Il-Kunsill ħa nota li l-Kumitat Imħallat fil-livell Ministerjali ser jiġi infurmat dwar is-sitwazzjoni attwali tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data.

4. **Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew**

- Dibattitu ta' orjentazzjoni
15862/1/14 REV 1 EPPO 70 EUROJUST 205 CATS 194 FIN 878 COPEN 298
GAF 64

Il-Kunsill innota:

- a) li maġġoranza ta' delegazzjonijiet li kienu tkellmu qablu li r-regoli dwar il-ħatra u s-sensja tal-Kap Prosekutur Ewropew u tal-Prosekuturi Ewropej għandhom jissaħħu, b'mod partikolari permezz tal-introduzzjoni ta' proċedura aktar trasparenti u oġġettiva għan-nomina u l-ħatra tal-membri tal-Kulleġġ;
- b) li l-abbozzi legali rilevanti għandhom jiġu aġġornati skont dan.

5. **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (EUROJUST) [L-ewwel qari]**

- Approċċ ġenerali parzjali
16139/14 EUROJUST 212 EPPO 73 CATS 196 COPEN 306 CODEC 2374
+ COR 1
+ COR 2

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali parzjali dwar din il-proposta kif immnizzla fid-dokument 16139/1/14. Ir-Repubblika Ċeka neħħiet ir-riżervi tagħha dwar it-test u l-Olanda neħħiet ir-riżerva ta' skrutinju parlamentari tagħha. L-Isvezja u l-Finlandja għamlu dikjarazzjoni, kif immnizzla fl-Anness ta' dawn il-minuti.

6. **Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali [L-ewwel qari]**

- Approċċ ġenerali
15837/14 DROIPEN 142 COPEN 297 CODEC 2316

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar it-test kif jidher fid-dokument 16531/14.

7. **Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar għajnuna legali proviżorja għal persuni ssuspettati jew mixlija li huma mċaħħda mil-libertà kif ukoll għajnuna legali fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew [L-ewwel qari]**

- Sitwazzjoni attwali
15490/14 DROIPEN 129 COPEN 278 CODEC 2241

Il-Kunsill ħa kont tas-sitwazzjoni attwali tad-Direttiva proposta. Il-ħidma fuq dan il-fajl ser titkompla taħt il-Presidenza li jmiss.

8. **Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali [L-ewwel qari]**

- Sitwazzjoni attwali
15221/14 DROIPEN 127 JAI 847 GAF 62 FIN 830 CADREFIN 122
CODEC 2191

Il-Presidenza tat sommarju qasir dwar is-sitwazzjoni attwali u stiednet lill-Ministri biex jirriflettu aktar dwar kif jista' jiġi previst kompromess mal-Parlament dwar il-kwistjoni tal-frodi tal-VAT.

9. **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 dwar proċedimenti ta' insolvenza [L-ewwel qari]**

- Qbil politiku
15414/14 JUSTCIV 285 EJUSTICE 109 CODEC 2225
+ ADD 1
+ ADD 1 COR 1

Il-Kunsill:

- a) adotta ftehim politiku dwar il-pakkett ta' kompromess inniżżel fl-Addendum 1 għad-dokument 15414/14;
- b) ta struzzjonijiet lill-ġuristi lingwisti tal-Kunsill biex jipproċedu bir-reviżjoni tal-pakkett ta' kompromess.

10. **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-moviment liberu taċ-ċittadini u n-negozji permezz tas-simplifikazzjoni tal-aċċettazzjoni ta' ċerti dokumenti pubbliċi fl-Unjoni Ewropea u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 [L-ewwel qari]**

- Linji gwida ta' orjentazzjoni
15843/14 JUSTCIV 303 FREMP 217 CODEC 2319

Il-Kunsill:

- a) approva l-linji gwida mniżżla fid-dokument 15843/14, u
- b) talab lill-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili li titkompla l-ħidma fuq ir-Regolament propost fid-dawl ta' dawn il-linji gwida.

11. **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħir u r-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea [L-ewwel qari]**

- Approċċ ġenerali
15841/14 JUSTCIV 302 EJUSTICE 119 CODEC 2317
+ ADD 1

Il-Kunsill:

- a) approva approċċ ġenerali dwar il-pakkett ta' kompromess kif inniżżel fid-dokument 15841/14, u
- b) ħa nota li dan it-test ser jikkostitwixxi l-bażi għan-negozjati mal-Parlament Ewropew għal ftehim fl-ewwel qari.

12. a) **Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fir-rigward tar-reġimi tal-proprjetà matrimonjali**
– Sitwazzjoni attwali
- b) **Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet tal-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati**
– Sitwazzjoni attwali
16171/14 JUSTCIV 313

Il-Kunsill:

- a) ħa nota li l-Presidenza ressqet test ta' kompromess possibbli dwar iż-żewġ proposti għal Regolament;
- b) ħa nota li diversi Stati Membri kienu jeħtieġu perijodu ta' riflessjoni biex jippermettilhom jivvalutaw ir-riżultati tal-ħidma mwettqa s'issa;
- c) qabel li jeżamina mill-ġdid it-testi ta' kompromess possibbli dwar iż-żewġ proposti għal Regolament mill-iktar fis possibbli u mhux aktar tard minn tmien l-2015, sabiex jivvaluta jekk tistax tintlaħaq l-unanimità meħtieġa.

13. **Affarijiet oħra**

- **Informazzjoni mill-Presidenza dwar il-proposti leġislattivi attwali**

Ma tqajmet l-ebda kwistjoni taħt dan il-punt.

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

14. **Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"** 16219/14 PTS A 91

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kif elenkati fid-dokument 16219/14.

Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti huma mniżżla fl-Anness.

15. Affarijiet oħra

a) **Eżitu tal-laqgħa Ministerjali ĠAI bejn l-UE u l-Istati Uniti**

- Informazzjoni mill-Presidenza
15509/14 JAIEX 80 RELEX 922 ASIM 96 CATS 180 ELARG 122
EUROJUST 197 USA 28

Il-Presidenza informat lill-Kunsill dwar l-aspetti ewlenin tal-laqgħa Ministerjali ĠAI mal-Istati Uniti, b'enfasi fuq id-diskussjonijiet sensitivi dwar diversi aspetti tal-Protezzjoni tad-Data.

b) **Attivitajiet tal-Kumitat Speċjali għall-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus (CRIM) stabbilit mill-Parlament Ewropew**

- Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Presidenza infurmat dwar l-attivitajiet tal-Kumitat u nnotat li l-ħidma tkun teħtieġ li titkompla l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Hija nnotat wkoll li ġie żviluppat pjan ta' azzjoni speċjali dwar il-kwistjoni fil-kuntest tal-Kunsill tal-Ewropa.

c) **Preżentazzjoni mil-Latvja tal-programm tal-Presidenza li jmiss (Jannar-Ġunju 2015)**

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni orali tal-programm tal-Presidenza Latvjana li jmiss.

Laqgħa fil-5 ta' Diċembru 2014

AFFARIJIET INTERNI

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

16. Ġlieda kontra t-terroriżmu

- Proposta għal Direttiva tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew dwar l-użu tad-data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u reati serji [L-ewwel qari]
= Sitwazzjoni attwali

Il-Kunsill kien infurmat fil-qosor dwar l-eżitu tad-diskussjoni waqt l-ikla ta' nofsinhar dwar il-PNR tal-UE u ftehimiet dwar il-PNR ma' pajjiżi terzi.

17. Affarijiet oħra

- **Informazzjoni mill-Presidenza dwar il-proposti leġislattivi attwali**

Il-Presidenza infurmat lid-delegazzjonijiet dwar is-sitwazzjoni attwali tal-eżami mill-korpi preparatorji kompetenti tal-Kunsill tal-proposti li jikkonċernaw id-Direttiva dwar l-Istudenti u r-Riċerkaturi kif ukoll ir-Regolament li jimmodifika l-Artikolu 8(4) tar-Regolament ta' Dublin dwar minorenni mhux akkumpanjati.

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

18. Kwistjonijiet relatati mal-Kumitat Imħallat:

a) **Il-funzjonament taż-żona Schengen:**

- **Is-Sitt Rapport Biennali mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament taż-żona Schengen (1 ta' Mejju 2014 - 31 ta' Ottubru 2014)**

15783/14 JAI 913 SCHENGEN 55 SCH-EVAL 122 COMIX 627

Il-Presidenza rreferiet għall-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tas-Sitt Rapport ta' kull sitt xhur li ħarġet dan l-aħħar u d-diskussjoni li kienet segwiet fil-Kumitat Imħallat fil-livell Ministerjali.

b) **Ġestjoni tal-flussi migratorji: segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill "Tittieħed azzjoni biex jiġu ġestiti aħjar il-flussi migratorji" tal-10 ta' Ottubru 2014**

16222/14 JAI 971 ASIM 103 FRONT 259 RELEX 999 COMIX 648

- Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tar-riżultati tal-eżami ta' dan il-punt mill-Kumitat Imħallat fil-livell Ministerjali.

19. Il-funzjonament taż-żona Schengen:

- **Rapport ta' għeluq u konklużjonijiet tal-Kunsill dwar 15-il sena ta' evalwazzjonijiet ta' Schengen fil-Kunsill**

= Approvazzjoni

14374/1/14 REV 1 SCH-EVAL 116 SCHENGEN 41 SIRIS 72 JAI 882
COMIX 553

Fuq suġġeriment mill-Kumitat Imħallat fuq livell Ministerjali, il-Kunsill approva ħarsa lejn l-iżviluppi u l-kisbiet ta' "Schengen" fi ħdan il-Kunsill, u adotta l-konklużjonijiet li hemm magħha.

20. Ġlieda kontra t-terroriżmu

a) **Ġellieda barranin u persuni rimpatrijati: implimentazzjoni tal-miżuri**

- Dibattitu ta' orjentazzjoni
15715/2/14 REV 2 JAI 902 PESC 1201 COSI 117 COPS 308 ENFOPOL 373
COTER 82 SIRIS 79 FRONT 242 EUROJUST 213
16002/1/14 REV 1 JAI 940 PESC 1233 COSI 138 COPS 314 ENFOPOL 409
COTER 87 SIRIS 81 FRONT 255 EUROJUST 214

Filwaqt li jirrikonoxxi li t-theddida kkawżata mill-fluss kontinwu ta' ġellieda barranin għadha serja, il-Kunsill laqa' l-isforzi li saru fl-implimentazzjoni tal-miżuri miftiehma fil-laqgħa tiegħu f'Ottubru iżda esprima wkoll id-diżappunt tiegħu bin-nuqqas ta' progress dwar il-fajl tal-PNR. Il-President issuġġerixxa li l-ħtieġa li tiġi aġġornata l-leġislazzjoni tal-UE dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu għandha tkun ivvalutata ulterjorment mill-Kummissjoni u l-Istati Membri fid-dawl tal-bidliet li saru fil-leġislazzjoni nazzjonali kif ukoll tal-għanijiet stabbiliti fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2178(2014) tal-25 ta' Settembru 2014. Rigward il-ħtieġa li jiġi massimizzat u mtejjeb l-iskambju ta' informazzjoni, il-Kunsill tenna l-istedina lill-Istati Membri biex ikunu aktar sistematiki fl-għoti lill-Europol u l-Eurojust ta' data rilevanti u ħeġġiġhom biex jgħaqdu l-istrutturi ta' kooperazzjoni li qed jiġu stabbiliti fl-Europol rigward il-ġellieda barranin. L-esperti tal-Istati Membri huma mitluba jistudjaw modi ta' kif jarmonizzaw prattiki nazzjonali għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni mal-Interpol.

Il-Kunsill ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni fil-laqgħat li jmiss.

b) **Abbozz ta' Linji Gwida għall-Istrateġija tal-UE Kontra r-Radikalizzazzjoni u r-Reklutaġġ għat-Terroriżmu**

- Adozzjoni
13469/1/14 REV 1 ENFOPOL 288 COTER 65

Il-Kunsill approva l-linji gwida msemmija hawn fuq, kif imniżżla fid-dokument 13469/1/14 REV 1.

c) Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE Kontra t-Terroriżmu

15799/14 JAI 915 ECOFIN 1066 TRANS 547 RELEX 949 PESC 1203
COTER 83 ENFOPOL 375 PROCIV 99 ENER 472 ATO 88
DATAPROTECT 177 TELECOM 216 COMAG 106 COAFR 325
COASI 138 COHOM 163 COMEM 213 COTRA 35
+ ADD 1 REV 1

d) Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Riveduta dwar il-Finanzjament tat-Terroriżmu

12243/14 JAI 624 ECOFIN 766 EF 207 RELEX 645 ENFOPOL 236 COTER 60

Il-Kunsill ħa nota taż-żewġ rapporti msemmija hawn fuq mill-Koordinatur għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu, kif imniżżla fid-dokument 15799/14 + ADD 1 REV 1 + COR 1 u d-dokument 12243/14 rispettivament.

21. Affarijiet oħra

a) Eżitu tal-laqgħa Ministerjali ĠAI bejn l-UE u l-Istati Uniti

– Informazzjoni mill-Presidenza
15509/14 JAIEX 80 RELEX 922 ASIM 96 CATS 180 ELARG 122
EUROJUST 197 USA 28

Il-Presidenza informat lill-Kunsill dwar l-aspetti prinċipali tal-laqgħa Ministerjali ĠAI mal-Istati Uniti, filwaqt li enfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, l-iskambju tad-data u tal-programm għall-eżenzjoni mill-viża. Il-Kummissjoni ssuġġeriet li jitħejja aġġornament tad-“Dikjarazzjoni ta’ Washington” tal-2009 bil-ħsieb tal-laqgħa Ministerjali li jmiss f’Riga fl-aħħar ta’ Mejju 2015.

b) Konferenza Ministerjali tal-Forum ta' Salzburg, Brdo pri Kranju, Slovenja, 11-12 ta' Novembru 2014

– Informazzjoni mid-delegazzjoni Slovena
15906/14 JAI 922 ENFOPOL 391 COTER 84 CORDROGUE 88

Il-Kunsill ħa nota tad-Dikjarazzjoni approvata mill-Konferenza Ministerjali tal-Forum ta’ Salzburg, kif imniżżel fid-dokument 15906/14.

- c) **Ir-Raba Konferenza Ministerjali Ewro Afrikana dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp (il-Proċess ta' Rabat), Ruma 26-27 ta' Novembru 2014**
 - Informazzjoni mill-Presidenza
16162/14 ASIM 101 COAFR 329
- d) **Inizjattiva dwar ir-Rotta tal-Migrazzjoni bejn l-UE u l-Qarn tal-Afrika (il-Proċess ta' Kartum), Ruma, 28 ta' Novembru 2014**
 - Informazzjoni mill-Presidenza
16164/14 ASIM 102 COAFR 330

Il-Presidenza infurmat lid-delegazzjonijiet bir-riżultati tal-laqgħat imsemmija hawn fuq.

- e) **Laqgħa Informali Konġunta tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin u l-Ministri għall-Intern, Ruma 27 ta' Novembru 2014**
 - Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Ministri li pparteċipaw f'laqgħa informali konġunta tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin u għall-Affarijiet Interni tal-UE, f'Ruma fis-27 ta' Novembru, qablu dwar l-importanza li titjeb il-koerenza u l-koordinazzjoni fil-politiki interni u esterni kollha, b'mod partikolari sabiex jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv il-migrazzjoni attwali u l-isfidi tas-sigurtà. B'mod partikolari ġie meqjus li, sabiex jintlaħaq dan l-oġettiv, huma meħtieġa aktar koerenza u koordinazzjoni bejn l-istrutturi istituzzjonali tal-UE u l-metodi ta' ħidma tal-kumitati u l-gruppi ta' ħidma rilevanti li għandhom il-kompitu tal-implimentazzjoni strateġika u operattiva tal-azzjonijiet differenti fil-qasam tal-affarijiet interni u l-affarijiet esterni.

Wara dan, il-Kunsill stieden lill-COREPER biex jagħmel rieżami tal-mandati u l-metodi ta' ħidma tal-korpi preparatorji tal-Kunsill sabiex jikkordinaw aħjar il-ħidma tal-gruppi ta' ħidma tal-affarijiet interni u tar-relazzjonijiet barranin. Għalhekk, it-triju attwali ta' presidenzi (l-Italja, il-Latvja u l-Lussemburgu) ser jerġa' jeżamina l-istruttura u l-metodi ta' ħidma tal-korpi preparatorji tal-Kunsill u jippreżenta proposti lill-COREPER bil-ħsieb li tiżdied il-koordinazzjoni interna u li jintlaħaq approċċ aktar effiċjenti u globali dwar il-migrazzjoni u l-kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni.

DIKJARAZZJONIJIET GĦALL-MINUTI TAL-KUNSILL

Rigward il-punt "A" nru 2: **Abbozz ta' Att tal-Kunsill li jestendi l-mandat ta' Viċi Direttur tal-Europol**

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

“Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tappoġġa l-estensjoni tal-mandat tal-Viċi Direttur tal-Europol iżda toġġezzjona għall-proposta ta' stazzjonar fi grad AD14 għal raġunijiet ġenerali tal-liġi dwar is-servizz ċivili tal-UE. Dawn l-oġġezzjonijiet mhumiex relatati mal-persuna tal-Viċi Direttur, li l-ħidma tiegħu hija apprezzata ħafna.”

Rigward il-punt "A" nru 8: **Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' Strateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea**

DIKJARAZZJONI MIR-RENJU UNIT

“Filwaqt li jfakkar li l-mandat tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali huwa limitat biex din twettaq il-kompiti tagħha fi ħdan dak li kien l-ewwel pilastru – u ma jinkludix il-Kooperazzjoni tal-Pulizija u Ġudizzjarja f'Materji Kriminali – ir-Renju Unit jinnota li r-rwol tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali fi ħdan l-implimentazzjoni ta' aspetti tal-ĠAI tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għandu jkun iffukat fuq il-ħidma fil-qasam tas-sigurtà fil-fruntieri”.

Rigward il-punt "B" nru 2:

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) [L-ewwel qari]

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

dwar il-Kapitolu IX tal-proposta għal Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data kif stabbilit fid-dokument 16140/14

"Il-Ġermanja tappoġġa l-approċċ ġenerali parzjali taħt il-kondizzjonijiet elenkati fil-punt numru 4 tad-dokument, iżda tenfasizza l-importanza ta' dispożizzjoni li tippermetti li l-Istati Membri jipprovdu regoli aktar stretti fil-qasam tal-protezzjoni tad-data tal-impjegati. Għalhekk il-Ġermanja tirriżerva d-dritt li terġa' tikkunsidra dan il-punt f'negozjati sussegwenti.

Il-protezzjoni tad-data tal-impjegati hija komponent fundamentali u indispensabbli fil-liġi tax-xogħol. Ir-regolamenti tax-xogħol huma meqjusa bħala dritt speċjali u ta' protezzjoni għall-benefiċċju tal-impjegat bħala s-sieħeb kuntrattwali l-aktar dgħajjef u għalhekk interpretat mill-każistika ta' tribunali tax-xogħol. Il-liġi Ewropea tax-xogħol għalhekk ġeneralment tistipola biss standards minimi għall-Istati Membri biex jużaw bħala qafas. Dan ifisser li livell minimu ta' protezzjoni mill-Istati Membri stabbilit mil-liġi Ewropea ma jistax jitnaqqas, iżda fl-istess ħin l-Istati Membri ma jinżammux milli jippreskrivu grad oġġetiv ta' protezzjoni għall-impjegati. Sabiex tinżamm din is-sistema tal-liġi Ewropea tax-xogħol fi ħdan ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data għall-protezzjoni tad-data tal-impjegati bħala komponent tal-liġi tax-xogħol, il-Ġermanja hija favur li tiftaħ il-possibbiltà fl-Artikolu 82 għall-Istati Membri li jżommu jew joħolqu livell ta' protezzjoni tad-data tal-impjegati li jaqbeż il-livell stabbilit fir-Regolament (paragrafu 1: "L-Istati Membri jistgħu bil-liġi jipprevedu regoli aktar speċifiċi **jew aktar stretti** biex jiżguraw il-protezzjoni tal-impjegati ..."). B'dan il-mod jista' ikun hemm garanzija li l-istandards tar-Regolament japplikaw ukoll fil-kuntest tal-impjeg u li l-Istati Membri jistgħu jagħtu lill-impjegati aktar protezzjoni - kif inhu abitwali b'mod ieħor fil-liġi Ewropea tax-xogħol."

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA, IS-SLOVENJA U L-UNGERIJA

dwar proposta għal Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data fil-verżjoni tad-dokument tal-Kunsill 16140/14 + COR 1

"L-Awstrija, is-Slovenja u l-Ungerija mhumix f'pożizzjoni li japprovaw l-istadju attwali tan-negozjati bħala approċċ ġenerali parzjali dwar id-dispożizzjonijiet dwar is-settur pubbliku (Art. 1, Art. 6 para 2 u 3, Art. 21) u l-Kapitolu IX, peress li fl-opinjoni tagħna l-kwistjonijiet li ġejjin għadhom ma ssolvewx:

Dwar il-paragrafu 2a tal-Artikolu 1

L-Awstrija, is-Slovenja u l-Ungerija jfakkru li hemm obbligu tal-UE u tal-Istati Membri li jirriżulta mill-Artikolu 8 tal-Qafas Komuni ta' Riferiment (QKR) flimkien mal-każistika stabbilita tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) rigward l-Artikolu 8 li jippromulgaw liġijiet li jirregolaw u skont il-każ li jirrestrinġu operazzjonijiet ta' pproċessar ta' data personali mwettqa minn korpi privati għal finijiet privati sa fejn ikun meħtieġ biex ikun hemm bilanċ bejn id-dritt tal-individwu għall-protezzjoni tad-data u l-hteġġa ta' kontrolluri tas-settur privat li jipproċessaw id-data. Madankollu, la l-formulazzjoni attwali tal-paragrafu 2a tal-Artikolu 1 u lanqas dak tal-Artikolu 6 ma jieħdu kont biżżejjed ta' dawn l-obbligi. L-Awstrija, is-Slovenja u l-Ungerija għalhekk iżommu l-pożizzjoni li hu neċessarju li jiġu awtorizzati espliċitament l-Istati Membri fir-Regolament biex jadottaw il-liġijiet imsemmija hawn fuq skont il-proposta Awstrijaka tal-Artikolu 82b (ara d-dokument 15768/14).

Barra minn hekk, is-Slovenja u l-Ungerija jixtiequ jenfasizzaw li l-klawżola dwar armonizzazzjoni minima għas-settur pubbliku ser tkun soluzzjoni mill-aħjar.

Dwar il-paragrafu 1 tal-Artikolu 21

L-Awstrija għal darb'oħra tagħmel referenza għall-kwistjoni tal-inklużjoni tal-Artikolu 5 meta issir referenza għal restrizzjonijiet ta' obbligi u d-drittijiet partikolari previsti minn dan ir-Regolament permessi skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 21. B'kont meħud tar-rekwiżit ta' test ta' proporzjonalità fl-introduzzjoni tal-Artikolu 21 paragrafu 1 dan iwassal biex il-"prinċipju ta' proporzjonalità" meħtieġ skont l-Artikolu 5 ma jibqax applikabbli fir-rigward ta' kwalunkwe restrizzjoni adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 21.

Dwar il-paragrafu 2 tal-Artikolu 80

L-Awstrija, is-Slovenja u l-Ungerija jiddispijaċihom li l-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 2 dwar il-libertà ta' espressjoni mhuwix aktar ambizzjuż.

Dwar il-Premessa 121 b'rabta mal-Artikolu 80

L-Awstrija, is-Slovenja u l-Ungerija jixtiequ jenfasizzaw li s-sentenza ta' qabel l-aħħar tal-premessa 121 tista' twassal għal interpretazzjoni mhux aċċettabbli ta' sitwazzjoni legali f'każijiet fejn eżenzjonijiet jew derogi minn dispożizzjonijiet tar-Regolament previsti mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru jkunu differenti minn xulxin. Li tiddikjara biss li f'każijiet bħal dawn għandha tapplika l-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li għaliha huwa soġġett il-kontrollur huwa pjuttost ambigwu u approċċ wisq mifrux li jista' partikolarment jinterferixxi ma' liġijiet nazzjonali dwar il-mezzi tax-xandir. Barra minn hekk, l-approċċ propost jista' jwassal ukoll għal 'forum shopping', b'mod aktar preċiż it-tifsira li l-aktar livell baxx ta' protezzjoni mogħti permezz ta' leġislazzjoni nazzjonali unika tista' ssir dik li ġeneralment hija applikabbli madwar l-Unjoni. Dan għandu jiġi evitat. Fl-opinjoni tagħna, il-premessa 121 teħtieġ aktar skrutinju, għaliex iddaħħlet fl-aħħar stadju tan-negożjati u ma ġietx diskussa fid-dettall.

Dwar il-paragrafu 1 tal-Artikolu 82

L-Awstrija, is-Slovenja u l-Ungerija huma tal-opinjoni li l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati fil-kuntest tal-impjieġ biex jadottaw mhux biss regoli aktar speċifiċi iżda wkoll regoli aktar "stretti" minn dawk previsti b'dan ir-Regolament.

Dwar il-paragrafu 1 tal-Artikolu 85

L-Awstrija, waqt li tfakkar id-diskussjoni fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju tal-Infurmazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data (DAPIX), tipproponi li tiġi stabbilita rabta mill-qrib bejn ir-regoli li jirrelataw mal-protezzjoni tal-individwi li jkunu qed jiġu applikati fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u r-rekwiżiti kostituzzjonali relatati ta' Stat Membru li jiġġustifikaw l-imsemmija applikazzjoni. Għalhekk il-formulazzjoni "minħabba rekwiżiti kostituzzjonali partikolari eżistenti" għandha tiddaħħal wara l-kliem "Stat Membru" li tinsab fl-ewwel linja."

DIKJARAZZJONI MILL-ISVEZJA U L-FINLANDJA

dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (EUROJUST) fil-verżjoni tad-dokument tal-Kunsill 15909/14

- "1. L-Isvezja u l-Finlandja japprezzaw ferm il-ħidma importanti mwettqa mill-Eurojust fil-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali u jemmnu bis-sħiħ li l-Eurojust għandha tingħata l-għodod kollha meħtieġa sabiex iżżomm ir-rwol tagħha bħala attur ewlieni f'dan il-qasam. Fl-istess ħin, huwa importanti li ma jiġux rinunzjati politiki importanti dwar kif l-oqfsa legali tal-korpi tal-UE għandhom ikunu magħmula.
2. L-Isvezja u l-Finlandja jemmnu bis-sħiħ li r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 rigward l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni għandu jkun kompletament applikabbli għall-Eurojust.
3. Skont l-Artikolu 15(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE), kull ċittadin tal-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju tagħha reġistrat fi Stat Membru, għandu jkollha d-dritt għall-aċċess għal dokumenti tal-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni. Ir-Regolament 1049/2001 jistabbilixxi l-prinċipji u l-limiti ġenerali li jirregolaw dan id-dritt. Skont l-Artikolu 15(3), l-uniċi eżentati minn din ir-regola huma l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Bank Ewropew tal-Investment, li huma soġġetti biss għad-dispożizzjonijiet meta jeżerċitaw il-kompiti amministrattivi tagħhom.

Li tkun limitata l-applikazzjoni tar-Regolament 1049/2001 għall-kompiti amministrattivi tal-Eurojust tibgħat sinjal inkwetanti ħafna dwar l-attitudnijiet lejn il-ftuħ, speċjalment fid-dawl tal-Artikolu 15(3) TFUE.

Ir-Regolament 1049/2001 fih dispożizzjonijiet li jagħtu lill-Eurojust raġuni biex jirrifjuta l-aċċess għal dokumenti f'każijiet speċifiċi. L-Isvezja u l-Finlandja jemmnu li dawn id-dispożizzjonijiet huma strument effettiv u suffiċjenti għall-protezzjoni ta' data operattiva.
4. L-Isvezja u l-Finlandja jinsabu ħerqana għad-diskussjonijiet futuri dwar id-dispożizzjonijiet li fadal tal-proposta għal Regolament dwar l-Eurojust u għad-diskussjonijiet li jmiss mal-Parlament Ewropew."